**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 243/97

Charles Bonanno

vs

Telemalta Corporation u b' digriet tat-28 ta' Ottubru 1999 Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

Illum 23 ta' Jannar, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa kien impjegat mal-kumpanija Promotions and Trading Ltd. fil-grad ta' Administrative Assistant. F'Ottubru 1986 gie trasferit mal-Korporazzjoni Telemalta u eventwalment maqlub permanenti ma' din l-istess Korporazzjoni b'effett mill-1 t'Ottubru 1986 fil-grad ta' Administrative Officer wara li ghadda b'success minn interview wara sejha ghall-applikazzjonijiet f'dan il-grad.

Sa l-elezzjoni ta' Mejju 1987 kien jaghmel xoghol amministrattiv fis-sezzjoni ta' Amministrazzjoni. Ezatt wara l-elezzjoni sab ruhu f'kamra fuq il-bejt fl-exchange tal-Marsa ma erbgha minn nies ohra minghajr dmirijiet ufficjali. Fil-bidu ta' l-1988 assuma d-dmirijiet bhala ufficjal inkarigat mid-dixxiplina (Head discipline) flimkien ma' Executive Officer.

Ghal madwar hames snin qeda d-dmirijiet tieghu bhala Kap tad-dixxiplina fil-grad ta' Administrative Officer bl-akbar responsabbilita' u skruplu meta f'Mejju 1993 b'sorpriza ghalih gie mahtur is-Sur Charles Xuereb (Administrative Officer) bhala Kap tad-dixxiplina fil-livell ta' PO II, (zewg gradi aktar minnu) b'rakkomandazzjoni diretta mis-Sur A. Debono, General Manager. Jekk wiehed jara s-seniority list ta' l-AO's ta' dak iz-zmien issib li huwa kien "senior" tas-Sur Xuereb u allura bi dritt kellu jkun appuntat hu f'din il-kariga.

Is-Sur Xuereb dam jokkupa din il-kariga sa April 1996 meta inghata Performance Contract fil-grad ta' Deputy Conference Executive. Bhala successur biex jimla l-post vakant ta' Kap tad-dixxiplina kien gie irrakkomandat hu verbalment mis-Sur Michael Debono, Assistant General Manager Human Resources. Xhieda ta' din ir-rakkommandazzjoni huma s-Sur A. Bartolo, Kap Rizorsi Umani u s-Sur Tommy Roberts mill-istess Dipartiment. Madanollu c-Chairman John Camilleri, minghajr raguni ta' xejn oggezzjona u talab lill-AGM (HR) sabiex ifittex bniedem iehor.

Gie rrakkommandat is-Sur Delia (Graduate Professional Officer) u eventwalment gie approvat mic-Chairman u c-Chief Executive biex tigi mahtura din il-persuna bhala Kap tad-Dixxiplina. Dan izda dam jassumi dawn ir-responsabbilitajiet sal-bidu ta' Mejju 1996 meta ghal darba ohra gie maqbuz peress li gie trasferit is-Sur Edward Mizzi (Graduate Professional Officer). Is-Sur Mizzi baqa' bhala Kap tad-Dixxiplina sa l-24 ta' Jannar 1997 meta gie trasferit ghal Ghawdex.

Barra minn hekk meta fid-29 ta' Ottubru 1996 (l-ghada tar-rizultat ta' l-elezzjoni) ivverifika personalment mac-Chairman is-Sur John Camilleri fil-presenza tac-Chief Executive is-Sur Tony Debono, x'kienet ir-raguni ghaliex gie maqbuz ghal tlett darbiet bhala kap tad-Dixxiplina, is-Sur A. Debono, irrisponda li f'Mejju 1993 kien gie maqbuz ghaliex huwa kellu pressjoni sabiex inehhi is-Sur C. Xuereb mill-ufficju tieghu (tac-Chief Executive peress li dan kien jaghmel xoghol ta' segretarju fl-ufficcju tieghu). Ghaz-zewg okkazzjonijiet l-ohra is-Sur Camilleri irrisponda li huwa ma kienx ikkonsultat ghal dawn il-hatriet.

B'dan ta' hawn fuq jidher car li kemm il-darba r-rikorrent gie maqbuz ghal promozzjoni ta' Kap tad-Dixxiplina fil-Korporazzjoni Telemalta.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jinghata l-kariga ta' Kap tad-Dixxiplina b'effett minn Mejju 1993 kif ukoll l-implikazzjonijiet finanzjarji li din il-promozzjoni ggib maghha u jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokument esebiti mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tat-Telemalta Corporation li eccepiet:

**1.** Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

**2.** Illi l-grad in kwistjoni kien imtela' b'hatra diretta. Kienet procedura fil-korporazzjoni illi fil-kaz ta' hatriet diretti is-seniority ma kienetx fattur fil-konsiderazzjonijiet tal-persuna li tintghazel.

**3.** illi kieku kien hemm xi ksur ta' kundizzjonijiet tax-xoghol, ir-rikorrent kellu rimedju li pero' jidher li ma hassx li kellu jinvoka.

**4.** Illi inoltre ir-rimedju li qed jitlob illum mhuwiex possibbli, kemm ghaliex infondat fil-fatt u kemm ghaliex legalment mhux possibbli.

**5.** Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li l-ingustizzja li sofra hu tirrigwardja promozzjoni ghal post ta' Kap tad-Dixxiplina fl-istess korporazzjoni fl-1993. Ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors.

Xehed li kien ghamel tnax-il xahar ma jaghmel xejn fis-sens li ried jahdem pero' ma giex allokat ebda xoghol. Kienu tawh skrivanija zghira li anqas kien jidhol tahtha, pero' bi stuzzjonijiet li ma jaghmel xejn. Kien spicca f' kamra anzi f' kuritur tal-wash-room fuq il-bejt. Semma okkazjoni minnhom meta mar jipprotesta ghand ic-Chairman u l-General Manager kien qal li jirrispondi ghaliha hu "ghax kelli istruzzjonijiet mill-Ministeru biex lis-Sur Charles Xuereb innehhih minn gol-vilel".

Thomas Roberts, Business Development Executive mal-Maltacom xehed li ilu mall-Maltacom mill-habta tal-1970. Jaf lir-rikorrent

ghax kien jahdem u ghadu bhala kap tad-dixxiplina tad-dipartiment u ilu f` din il-kariga minn bejn wiehed u iehor l-1988. Is-Sur Charles Xuereb ma kienx f` din is-sezzjoni izda mbaghad inhatar "by direct appointment" kap tad-dixxiplina. Ir-rikorrent dak iz-zmien kien in charge mis-sezzjoni tad-dixxiplina meta f` daqqa wahda nhatar Charles Xuereb bhala kap tad-dixxiplina.

Meta ssemma fil-bord tad-diretturi s-Sur Bonanno kien meta sar "by direct appointment" is-Sur Xuereb. Dam bhala direttur bejn January 1988 u January 1996. Lil John Camilleri jafu fil-kariga ta` deputat chairman bejn l-1992 u 1995 u wara Gunju 1995 bhala chairman. Lis-Sur Camilleri qatt ma semghu jsemmi lir-rikorrent in konnessjoni mal-promotion. Quddiem il-bord tad-diretturi qatt ma sema' lis-Sur Camilleri jghid xejn dwar is-Sur Bonanno.

Xehed Tony Bartolo li precedentement kien jahdem mat-Telemalta u spicca Head Of Human Resources. Semma li jaf lir-rikorrent u li dan kien imexxi d-dixxiplina ghalkemm ma kellux appointment bhala tali, u dan kien ghall-habta tal-1987 meta dak iz-zmien ix-xhud kien Assistant Head Administration u ghalhekk id-dixxiplina kienet taqa' tahtu. Zied li r-rikorrent dam ghal xi tliet snin imexxi d-dixxiplina pero` in segwitu kien inholoq il-post ghal Head of Discipline u kien gie appuntat certu Charles Xuereb f` din il-kariga li qabel ma kellu xejn x` jaqsam ma' dan ix-xoghol ta' dixxiplina izda kien jahdem fuq id-directory.

In segwitu gew nies ohra fuq Bonanno, u dawn huma Mizzi u Robbie Delia li pero` dawn ma kienux hadu appointment izda

trasferiment minn sezzjoni ghal ohra. Qal li r-rikorrent kien jaghmel ix-xoghol kollu. Kellu 4 supervisors mieghu u kienu jaghmlu l-ispot checks, kien jipprepara r-rapporti kollha relattivi u jekk ikun hemm kaz ta` dixxiplina kien jipprepara c-charges. Kien imexxi qisu prosekutur u xogholu kien dejjem jaghmlu kif suppost.

Xehed David Buttigieg Executive Principal mal-Maltacom li semma li r-rikorrent kien fil-grad ta' Administrative Officer u assuma r-responsabbiltajiet ta' Head of Discipline bejn l-1988 u l-1993 u kien jirrizulta li mill-bidu ta' l-1992 il-Korporazzjoni Telemalta u l-General Workers' Union kellhom tilwima bejniethom dwar hatriet diretti. Il-Korporazzjoni dejjem sostniet li hi kellha dritt tappunta hatriet diretti waqt li l-General Workers' Union ma kenitx taqbel ma' dan ghaliex riedet li kull hatra ssir permezz ta' sejha ghall-applikazzjonijiet.

Din it-tilwima baqghet sejra sakemm f' Marzu 1994 il-partijiet iffirmaw ftehim li b' sehh mill-21 ta' Marzu 1994 it-Telemalta kellha tappunta persuni fid-diversi gradi li jezistu permezz ta' sejhiet ghall-applikazzjonijiet. Sadanittant il-korporazzjoni baqghet tohrog hatriet diretti fosthom dik tas-Sur Charles Xuereb fil-grad ta' Head of Discipline mit-13 ta' Marzu 1993.

Zied li dak iz-zmien fis-seniority is-Sur Bonanno kien jigi qabel is-Sur Charles Xuereb. Ipprezenta r-rapport u r-rakkomandazzjoni diretta li kienet saret biex isir is-Sur Charles Xuereb fil-kariga ta' Head of Discipline.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent ilmenta minn zewg decizjonijiet tas-socjeta` intimata. L-ewwel wiehed jirreferi ghall-fatt li wara l-elezzjoni tal-1987 ir-rikorrent spicca mqieghed f' kamra fuq il-bejt bi skrivanija zghira li anqas jidhol tahtha u minghajr ma gie assenjat ebda xoghol ghall-perjodu ta' kwazi sena.

It-tieni aspett jirreferi ghall-fatt li wara li bejn l-1988 u l-1993 kien mexxa bhala Head of Discipline (ghalkemm minghajr ma kellu hatra specifika ghal din il-pozizzjoni) u dan b' mod efficjenti kif irrizulta mix-xhieda kollha f' din il-kawza f' daqqa wahda gie appuntat bhala Head of Discipline is-Sur Charles Xuereb, persuna li kellha seniority anqas minnu, u liema hatra saret by direct appointment. Inoltre f' dak iz-zmien il-General Workers' Union kellha tilwima mat-Telemalta fejn kienet qieghedha ssostni li m' ghandhomx jinghataw karigi by direct appointment izda li kull hatra ssir permezz ta' sejha ghall-applikazzjonijiet.

Dan it-Tribunal ihoss li ghalkemm issir bidla fil-Gvern u wara tali bidla l-Gvern certament ghandu d-dritt illi jaghmel re-organizzazzjonijiet fid-dipartiment fuq nies li l-aktar ghandu fiducja fuqhom fl-istess waqt ragunijiet m' ghandhomx ikunu ibbazati fuq motivi politici izda fuq l-apprezzament tal-efficjenza, seniority, volonta` fix-xoghol etc. tal-persuna koncernata. Inoltre jekk ikun hemm spustamenti dawn ghandhom isiru b' mod ta' rispett lejn il-haddiem. Certament ma jaqbilx li persuna tintbaghat tahdem specjalment ghal zmien twil f' kamra fuq il-bejt bi

skrivanija mhux adegwata u li ghal zmien twil u f' dan il-kaz kwazi sena minghajr ma jigi assenjat xoghol lilha. Izid jghid li dan mhux sewwa mhux biss, u specjalment, fil-konfront tal-persuna direttament koncernata izda ghall-bqija tal-haddiema, azzjonisti fil-kumpanija u l-pubbliku in generali li ghalhekk ikun qieghed igorr il-piz ta' bniedem li mhux qieghed jipproduci ghalih fis-sens li jkollu johrog is-salarju ta' tali bniedem li mhux ghax irid hu izda minhabba decizjoni ta' xi persuna jinghazel li ma jigix allokat xoghol. Dan qieghed jinghad fid-dawl ta' dak li jissemma aktar l-isfel dwar in-nuqqas ta' hatra tar-rikorrent.

L-ilment principali tar-rikorrent hu li wara li hu mexxa b' mod tajjeb ghal kwazi hames snin is-sezzjoni tad-dixxiplina gie appuntat Charles Xuereb by direct appointment, meta ma kellux esperjenza ta' dak ix-xoghol ghax kien jahdem fuq id-directory, u kien junior tar-rikorrent. Dawn il-fatturi li taghhom is-socjeta` intimata ma tat ebda raguni valida ghaliex fil-fatt gie mahtur Xuereb u mhux ir-rikorrent ma jistax it-Tribunal jaqbel maghhom. Jinghad li l-hatra b' direct appointment gja ggieghelek tahseb; il-fatt li bniedem imexxi sezzjoni ghal kwazi hames snin b' mod efficjenti u ma jinghatax il-hatra igieghelek aktar milli tahseb u specjalment in vista tal-fatt li l-persuna appuntata ma kellhiex esperjenza precedenti f' dak il-qasam ta' xoghol kif ukoll li r-rikorrent kellu seniority aktar mill-istess persuna.

Illi ghalhekk huwa inutli li s-socjeta` intimata teccepixxi li ma ghamlitx ingustizzja u li l-grad in kwistjoni mtela' b' hatra diretta. L-istess socjeta` sostniet li ma kienx hemm ksur tal-kundizzjonijiet

tax-xoghol izda f' kaz ta' socjeta` bhal ma hi dik intimata hemm l-obbligu lejn ic-cittadin li tinghata raguni valida ghall-agir taghha. Il-fatt li l-kundizzjonijiet tax-xoghol kienu ghadhom ma gewx stabbiliti li m' ghandux isir direct appointment mhix wahda valida u ghalhekk it-Tribunal jichad l-ewwel tliet eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata.

L-istess socjeta` qalet li r-rimedju mitlub mhux legalment possibbli ghalkemm ma spjegatx ghaliex. Presumibbilment minhabba li dan it-Tribunal ma jistax iwassal ghall-fatt tal-kariga ta' Kap tad-Dixxiplina. Hawnhekk it-Tribunal ihoss li ghalkemm ir-rikorrent bata minn nuqqas ta' hatra, peress li ma kienux saru applikazzjonijiet u interviews ma jistax jordna li r-rikorrent jinghata l-hatra izda ghandu jasal biss sa kumpens finanzjarju.

Ghal dawn il-motivi peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett elef lira Maltin [LM3000].

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.